**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum,**

Rikors Numru: 206/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 448/1986)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-kontendenti izzewgu fl-20 April 1986 (DOK Au minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett itfal illi lkoll għandhom 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena.

2. Illi huma sseparaw permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datat 11 Jannar 2024 li versa kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala DOK B;

3. Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien ghal numru tasnin u cioe minn Lulju 2018 wara li nbieghet id-dar matrimonjali.

4. Illi m'hemmx manteniment dovut ghat-tfal tal-partijiet u m'hemmx arretrati f'dan ir-rigward.

5. Illi l-manteniment ta' €20,000 illi l-esponent gie ordnat illi jhallas thallas lill- intimata permezz ta' bank draft illi kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata DOK C.

6. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

7. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

8. Illi ma dan l-att qieghed jigi anness l-affidavit tal-esponent u mmarkat DOK D.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:-

1. Illi, din hija r-risposta guramentata tal-konvenuta ghat-talba tal-attur ghal divorzju ai termini tal-Art. 66C tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi, salv impregudikat ghal dak li ser jintqal aktar l-isfel fuq dan ir-rikors, preliminarjament l-konvenuta li m’hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti kif riprodotti fl-ewwel erba` (4) paragrafi u fis-sitt (6) paragrafu tar-rikors promotur;
3. Illi, frott iz-zwieg kien hemm erbat (4) itfal u mhux tlieta (3);
4. Illi, l-attur ghad fadallu jhallas lill-attrici s-somma ta’ mija w ghoxrin elf hames mija tmienja w ghoxrin Ewro u tlieta w

sebghin centezmu (€120,528.73) flimkien ma’ hamsa w sittin fil-mija tat-taxxa ufficjali tal-appell u l-import kollu tat-taxxa tal-kawza fl-ewwel istanza, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza tal-appell u cjoe il-11.01.2024 -il quddiem sad-data tal-hlas effettiv u dan kif wara kollox riprodott fil-mandat ta’ sekwestru fl-ismijiet inversi bin-numru 68/2024 ghall-ammont komplessiv ta’ mija u disa` w erbghinb elf disa` mija tlieta w disghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€149,993.92), jew somma aktar verjuri bir-rikomputazzjoni aggornata tal-imghax u l-ispejjez tal-ittra ufficjali bin-numru 56/2024 u tal-istess Mandat t’ Sekwestru imsemmi;

5. Illi, kemm il-darba permezz tas-sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta laqghet it-talba sabiex il-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha, ghadhom ma sehhewx il-proceduri sabiex tigi identifikata bhala tali u ghaldaqstant ic-cekk ma jistax jissarraf u huwa dubjuz kemm jista` jissarraf u x’aktarx ikun irid jinhareg cekk iehor;
6. Illi, l-ispejjez ta’ dan id-divorzju ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Mejju,  2024;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Jannar 2024;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment peress li huwa għadda cekk bl-ammont dovut rigward ta' manteniment dovut lill-intimata lill-istess intimate, liema cekk huwa datat 26 ta' Frar 2024; ;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.